REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/514

tat-8 ta' Marzu 2023

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 rigward prodotti raffinati ħafna, il-lista ta' pajjiżi terzi li għandhom pjan ta' kontroll approvat, u l-inklużjoni tal-Moldova fil-lista tal-pajjiżi terzi li huma awtorizzati jdaħħlu kunsinni ta' bajd fl-Unjoni maħsubin biex jitqiegħdu fis-suq bħala bajd tal-Klassi A

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 u għandu l-għan li jiżgura li kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem li jiġu minn pajjiżi terzi jew minn reġjuni tagħhom jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti tal-Unjoni għas-sikurezza tal-ikel jew ma' rekwiżiti li jkunu rikonoxxuti li jkunu mill-inqas ekwivalenti għalihom. B'mod partikolari, dak ir-Regolament jidentifika l-annimali u l-oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem li huma soġġetti għar-rekwiżit li jiġu minn pajjiż terz li jinsab fil-lista msemmija fl-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 jew minn reġjun tiegħu.

(2) L-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 jipprevedi li ċerti kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel, ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, u ta' prodotti komposti, għandhom jidħlu fl-Unjoni biss minn pajjiżi terzi li hemm fil-lista tal-pajjiżi terzi approvati biex idaħħlu fl-Unjoni dawn il-kunsinni għall-konsum mill-bniedem.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 ([3]) jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti raffinati ħafna maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 tas-6 ta' Settembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

(4) Minn mindu saret emenda riċenti ([4]) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), it-terminu prodotti raffinati ħafna jkopri wkoll derivattivi mix-xaħam u aromatizzanti tal-ikel li jkunu awtorizzati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), soġġett għal trattamenti li jeskludu kull riskju għas-saħħa pubblika jew għas-saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat biex ikun konsistenti ma' din il-bidla.

(5) L-Ażerbajġan ressaq pjan ta' kontroll li jkopri l-bajd tal-ħut u l-kavjar. Il-pjan jipprovdi biżżejjed garanziji u għaldaqstant jenħtieġ li jiġi approvat.

(6) Il-Libanu ressaq pjan ta' kontroll li jkopri l-għasel. Il-pjan jipprovdi biżżejjed garanziji u għaldaqstant jenħtieġ li jiġi approvat.

(7) Isle of Man hija elenkata fit-tabella tal-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 biex tesporta l-laħam ovin u kaprin lejn l-Unjoni. Iżda Isle of Man għarrfet lill-Kummissjoni li ma għadiex interessata tesporta l-laħam kaprin lejn l-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-entrata tal-Isle of Man dwar il-laħam ovin u kaprin f'dik it-tabella tal-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 tkopri biss il-laħam ovin.

(8) Il-Ġappun huwa elenkat fit-tabella tal-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 biex jesporta l-laħam tal-majjal lejn l-Unjoni. Iżda l-Ġappun għarraf lill-Kummissjoni li ma għadux interessat li jressaq pjan ta' kontroll għal-laħam tal-majjal, u minflok bħsiebu juża biss laħam tal-majjal li joriġina minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi li minnhom huma awtorizzati li jidħlu dawn il-prodotti fl-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li l-entrata tal-Ġappun dwar il-laħam tal-majjal tiġi addattata kif xieraq fl-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405.

(9) Ir-Renju Unit huwa elenkat fit-tabella tal-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 biex jesporta l-laħam tal-fenek lejn l-Unjoni. Iżda r-Renju Unit għarraf lill-Kummissjoni li ma għadux interessat li jressaq pjan ta' kontroll għal-laħam tal-fenek, u minflok bħsiebu juża biss laħam tal-fenek li joriġina minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi li minnhom huma awtorizzati li jidħlu dawn il-prodotti fl-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li l-entrata tar-Renju Unit dwar il-laħam tal-fenek tiġi addattata kif xieraq fl-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405.

(10) It-Tajlandja ma ressqitx pjan ta' kontroll għall-ħalib lill-Kummissjoni. Madankollu t-Tajlandja pprovdiet garanziji li tuża biss ħalib li joriġina minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat li jidħol il-ħalib fl-Unjoni. Barra minn hekk għarrfet lill-Kummissjoni li dan il-ħalib li jkun għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni ma jkunx limitat għall-prodotti komposti li fihom prodotti tal-ħalib ipproċessat. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li l-entrata tat-Tajlandja dwar il-ħalib tiġi addattata kif xieraq fl-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405.

(11) L-Istati Uniti tal-Amerka ressqu pjan ta' kontroll li jkopri l-budellati. Il-pjan jipprovdi biżżejjed garanziji u għaldaqstant jenħtieġ li jiġi approvat.

(12) Attwalment ir-Rwanda hija elenkata għall-għasel, u l-Kolombja u s-Sirja huma elenkati għall-budellati fit-tabella tal-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405. Billi dawk il-pajjiżi terzi ma ressqux pjanijiet lill-Kummissjoni għall-prodotti rispettivi, jenħtieġ li dawk l-entrati jitħassru mit-tabella f'dak l-Anness.

(13) Il-Moldova ressqet programm għall-kontroll tas-*Salmonella* f'qatgħat ta' tiġieġ tal-bajd biex tkun awtorizzata ddaħħal bajd tal-klassi A fl-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405. Dak il-programm ta' kontroll ġie vvalutat mill-Kummissjoni b'riżultat favorevoli. Il-konformità b'rabta mar-rekwiżiti dwar il-kontroll tas-*Salmonella* f'konformità mal-Artikolu 10(6) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) ġiet ivverifikata darbtejn waqt l-awditu li wettqet il-Kummissjoni f'April tal-2022 ([8]). Għalhekk jenħtieġ li l-Moldova tiġi awtorizzata ddaħħal il-bajd tal-klassi A fl-Unjoni.

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2258 tad-9 ta' Settembru 2022 li jemenda u jikkoreġi l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali fir-rigward tal-prodotti tas-sajd, tal-bajd u ta' ċerti prodotti raffinati ħafna, u li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 fir-rigward ta' ċerti molluski bivalvi (ĠU L 299, 18.11.2022, p. 5).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-*salmonella* u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1).

([8]) DG(SANTE)2021-7268 — ir-rapport finali li jinsab hawn https://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit-report/details/4533

(14) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat skont dan.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 22, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Kunsinni ta' prodotti raffinati ħafna kif deskritt fis-Sezzjoni XVI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, maħsubin għall-konsum mill-bniedem, għandhom jiġu awtorizzati biex jidħlu fl-Unjoni biss jekk jiġu mill-pajjiżi terzi li ġejjin jew mir-reġjuni tagħhom:";

(2) L-Anness -I huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(3) L-Anness IV huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS -I

Lista ta' pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li għandhom pjanijiet ta' kontroll approvati għal ċerti annimali li jipproduċu l-ikel u għal prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem kif imsemmija fl-Artikolu 2a, fl-Artikolu 3, fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, fl-Artikolu 7, l-ewwel paragrafu, fl-Artikolu 10, it-tieni paragrafu, fl-Artikoli 11, 15, 16, 21 u fl-Artikolu 25, il-punti (a) u (c)

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1]) jew reġjuni tiegħu	Bovin	Ovin/kaprin	Porċin	Ekwin	Pollam	Akkwakultura ([17])	Ħalib	Bajd	Fenek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
AD	Andorra	X	X	Δ	X		P						X	
AE	L-Emirati Għarab Magħquda						Δ P	X ([2]) O	O				X ([3])	
AL	L-Albanija		X				X ([14]) P	O	X					X
AM	L-Armenja						X ([14]) P	O	O				X	
AR	L-Arġentina	X	X		X	X	X ([14]) P	X	X	X	X	X	X	X
AU	L-Awstralja	X	X		X		X M	X	X		X	X	X	X
AZE	L-Ażerbajġan						X ([16]) P							
BA	Il-Bożnija-Ħerzegovina	X	X	X		X	X ([14]) P	X	X				X	
BD	Il-Bangladesh						X P	O	O					
BF	Il-Burkina Faso												X	
BJ	Il-Benin												X	
BN	Il-Brunei						X ([15]) P	O	O					
BR	Il-Brażil	X			X	X	X P	O	O				X	X

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1]) jew reġjuni tiegħu	Bovin	Ovin/kaprin	Porċin	Ekwin	Pollam	Akkwakultura ([17])	Ħalib	Bajd	Fenek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
BW	Il-Botswana	X					P							
BY	Il-Belarussja				X ([8])		X ([14]) P	X	X				X	X
BZ	Il-Belize						X ([15]) P	O	O					
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X M	X	X	X	X	X	X	
CH	L-Iżvizzera ([7])	X	X	X	X	X	X ([14]) M	X	X	X	X	X	X	X
CL	Iċ-Ċilì	X	X[5]	X		X	X ([14]) M	X	O		X		X	X
CM	Il-Kamerun												X	
CN	Iċ-Ċina					X	X P	O	X	X			X	X
CO	Il-Kolombja						X P	X	Δ					
CR	Il-Costa Rica						X P	O	O					
CU	Kuba						X ([15]) P	O	O				X	
DO	Ir-Repubblika Dominicana												X	
EC	L-Ekwador						X P	O	O					
EG	L-Eġittu													X
ET	L-Etjopja												X	
FK	Il-Gżejjer Falkland	X	X ([5])				X ([14]) P	O	O					
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X ([14]) P	O	O					

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1]) jew reġjuni tiegħu	Bovin	Ovin/kaprin	Porċin	Ekwin	Pollam	Akkwakultura ([17])	Ħalib	Bajd	Fenek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
GB	Ir-Renju Unit ([6])	X	X	X	X	X	X ([14]) Δ M	X	X	Δ	X	X	X	X
GE	Il-Georgia												X	
GG	Guernsey						O M	X	O					
GL	Greenland		X ([5])				M					X		
GT	Il-Gwatemala						X ([15]) P	O	O				X	
HK	Hong Kong						Δ P		Δ					
HN	Il-Honduras						X P	O	O					
ID	L-Indoneżja						X P	O	O					
IL	Iżrael ([4])					X	X ([14]) P	X	X				X	
IM	Isle of Man	X	X ([5])	X			X ([14]) M	X	O				X	
IN	L-Indja					O	X P	O	X				X	X
IR	L-Iran						X ([15]) X ([16]) P	O	O					X
JE	Jersey	X					M	X	O					
JM	Il-Ġamajka						M						X	
JP	Il-Ġappun	X		Δ		X	X ([14]) M	X	X				Δ	X
KE	Il-Kenja						X ([14]) P	O	O					

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1]) jew reġjuni tiegħu	Bovin	Ovin/kaprin	Porċin	Ekwin	Pollam	Akkwakultura ([17])	Ħalib	Bajd	Fenek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
KR	Il-Korea t'Isfel					X	X M	O	O				Δ	
LB	Il-Libanu												X	X
LK	Is-Sri Lanka						X P	O	O					
MA	Il-Marokk					X	X ([14]) Δ M	O	O					X
MD	Il-Moldova					X	X ([14]) P	X	X				X	
ME	il-Montenegro	X	X ([5])	X		X	X ([14]) P	X	X				X	
MG	Madagascar						X P	O	O				X	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	X	X	X		X	X ([14]) P	X	X		X		X	
MM	Il-Myanmar						X P	O	O				X	
MN	Il-Mongolja													X
MU	Mauritius						X ([14]) P	O	O				Δ	
MX	Il-Messiku			Δ			X P	O	X				X	
MY	Il-Malażja					Δ	X P	O	O					
MZ	Il-Mozambique						X ([15]) P	O	O					
NA	In-Namibja	X	X ([5])				P				X			
NC	New Caledonia						X ([15]) P	O	O			X	X	

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1]) jew reġjuni tiegħu	Bovin	Ovin/kaprin	Porċin	Ekwin	Pollam	Akkwakultura ([17])	Ħalib	Bajd	Fenek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
NG	In-Niġerja						X ([15]) P	O	O					
NI	In-Nikaragwa						X ([15]) P	O	O				X	
NZ	New Zealand	X	X	O	X	O	X ([14]) M	X	O	O	X	X	X	X
PA	Il-Panama						X P	O	O					
PE	Il-Perù						X M	O	O					
PH	Il-Filippini						X P	O	O					
PK	Il-Pakistan													X
PM	Saint Pierre u Miquelon					X	P							
PN	Il-Gżejjer Pitcairn												X	
PY	Il-Paragwaj	X					P							X
RS	Is-Serbja	X	X	X	X ([8])	X	X ([14]) P	X	X	X	X		X	X
RU	Ir-Russja	X	X	X		X	O P	X	X			X ([9])	X	X
RW	Ir-Rwanda													
SA	L-Arabja Sawdija						X P	O	O					
SG	Singapore	Δ	Δ	Δ	X ([10])	Δ	X ([14]) P	Δ	Δ		X ([10])	X ([10])		
SM	San Marino	X		Δ			O P	X	O				X	
SV	El Salvador												X	

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1]) jew reġjuni tiegħu	Bovin	Ovin/kaprin	Porċin	Ekwin	Pollam	Akkwakultura ([17])	Ħalib	Bajd	Fenek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
SY	Is-Sirja													
SZ	L-Eswatini	X					P							
TG	It-Togo												X	
TH	It-Tajlandja	O		O		X	X M	Δ	Δ				X	
TN	It-Tuneżija						X ([14]) M	O	O					X
TR	It-Turkija					X	X ([14]) M	X	X				X	X
TW	It-Tajwan						X P	O	X				X	
TZ	It-Tanzanija						X ([15]) P	O	O				X	
UA	L-Ukrajna	X		X		X	X ([14]) M	X	X	X			X	X
UG	L-Uganda												X	
US	L-Istati Uniti	X	X ([11])	X		X	X M	X	X	X	X	X	X	X
UY	L-Urugwaj	X	X		X		X ([14]) M	X	O		X		X	X
UZ	L-Użbekistan													X
VE	Il-Venezwela						X ([15]) P	O	O					
VN	Il-Vjetnam						X M	O	O				X	
WF	Wallis u Futuna												X	
XK	Il-Kosovo ([12])					Δ								
ZA	L-Afrika t'Isfel						P				X	X ([13])		
ZM	Iż-Żambja												X"	

(1) Lista ta' pajjiżi terzi u t-territorji tagħhom (mhix limitata għall-pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-Unjoni).
(2) Ħalib tal-ġemel biss.
(3) Ir-reġjun ta' Ras al Khaimah biss.
(4) Minn hawn 'il quddiem jinftiehem bħala l-Istat ta' Iżrael, minbarra t-territorji taħt l-amministrazzjoni tal-Istat ta' Iżrael wara l-5 ta' Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet tal-Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.
(5) Speċijiet ovini biss.
(6) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.
(7) F'konformità mal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).
(8) L-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' ekwidi ħajjin maħsubin għall-qatla (biss annimali li jipproduċu l-ikel).
(9) Renni biss.
(10) Biss għall-kunsinni ta' laħam frisk li joriġina minn New Zealand, iddestinat għall-Unjoni u li jinħatt, kemm jekk se jinħażen kif ukoll jekk le, f'Singapore u li jitgħabba mill-ġdid fi stabbiliment approvat waqt it-tranżitu minn Singapore.
(11) Speċijiet kaprini biss.
(12) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.
(13) Ratiti biss.
(14) Ħut bil-pinen biss.
(15) Krustaċji biss.
(16) Bajd tal-ħut u kavjar biss.
(17) L-akkwakultura tkopri l-ħut bil-pinen, fosthom is-sallur, u l-prodotti tal-ħut bil-pinen (bħall-bajd u l-kavjar), u l-krustaċji. Il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom elenkati fl-Anness VIII għall-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi, ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati huma mmarkati b"M' f'din il-kolonna.

ANNESS II

L-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS IV*

Lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati li jdaħħlu fl-Unjoni kunsinni ta' bajd maħsubin għat-tqegħid fis-suq bħala bajd tal-Klassi A, kif imsemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 7

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ	RIMARKI
CH	L-Iżvizzera [1]	
GB	Ir-Renju Unit [2]	
JP	Il-Ġappun	
MD	Il-Moldova	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	
UA	L-Ukrajna	

[1] F'konformità mal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

[2] F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq."